**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju 2019**

Kawza Numru: 10/2018MS

Marcel Buttigieg (K.I. 29668G)

vs

Avukat Dottor Kevin Mompalao noe

It-Tribunal

Ra t-talba tal-attur ipprezentata fis-26 ta' Frar 2018, li biha talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Gary Raymond Beal ihallasuh is-somma ta' tlett elef mitejn u erbgha u sittin Euro dovuti ghal xoghol ta' panel beating u spray painting fuq vettura Kia Sportage bin-numru SEO 007, kif ukoll xiri ta' parts, spejjes ta' registrazzjoni u *insurance* u *transfer* tal-vettura kif ahjar deskritt fl-invoice u d-dokumenti A1 sa A9 esebiti fil-process. Bl-imghaxijiet u t-taxxi skond il-ligi u l-ispejjes.

Ra d-digriet tat-13 ta' Marzu 2018 fejn it-Tribunal innomina l-avukat Dr Kevin Mompalao bhala kuratur deputat biex jirraprezenta l-wirt battal tal-mejjet Gary Raymond Beal.

Ra r-risposta tal-kuratur tas-27 ta' Marzu 2018 fejn eccepixxa li ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u rrizerva li jirrispondi ulterjorjament wara li jaghmel kuntatt mal-eredi; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2018, Dr Marsette Portelli ddikjrarat illi l-eredi tad-decujus qeghdin jassumu l-atti tal-kawza.

Ra illi b'nota tal-20 ta' Gunju 2018, l-avukat Dr. Marsette Portelli nfurmat dan it-Tribunal li minkejja d-dikjarazzjoni fuq imsemmija, l-eredi ta' Gary Raymond Beal ma kienux f'posizzjoni illi jaccettaw l-eredita' tieghu u fil-fatt kienu ser jirrinunzjaw ghall-istess.

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2019 Dr. Kevin Mompalao rega' gie nominat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta l-eredita' tad-decujus fuq imsemmi.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process inkluz l-affidavit li pprezenta l-attur.

Ikkunsidra

Illi skond l-affidavit tal-attur, dan informa lit-Tribunal li d-decujus Gary Raymond Beal kien xtara minghand l-attur vettura ta' ghamla Kia Sportage li kienet originarjament bin-numru MQZ 501. Sussegwentement inbidel ghal SEO 007. L-attur kien gie nkarigat sabiex jiehu hsieb ir-registrazzjoni, l-bdil personalizzat tan-numru, it-transfer u l-assikurazzjoni fuq il-vettura. Il-pagamenti relatati saru kollha mill-attur. Gew esebiti diversi dokumenti biex jikkorroboraw ix-xiehda tal-attur. Kien hemm certa hbiberiija bejn l-attur u l-mejjet Gary Raymond Beal u dan tal-ahhar dejjem hallas lill-attur ghax-xoghol li kien iwettaq. Gara pero' li l-bejgh u t-tiswija tal-vettura saru ftit jiem qabel il-mewt ta' Beal u ghalhekk ma lahaqx hallas lill-attur. L-ammont totali li ghandu jiehu l-attur huwa ta' €3,264, ammont ikkonfermat bil-gurament.

Illi fost id-dokumenti esebiti, hemm affidavit ta' Joseph Buttigieg, hu l-attur, fejn ighid illi thallas l-ammont ta' €180.00 ghal servizz ta' towing tal-karrozza MQZ 501 mir-residenza tad-decujus ghall-agent tal-Kia Malta.

Illi gie prezentat ukoll affidavit ta' Raymond Bajada, direttur tal-kumpanija SB Autocentre Limited, fejn iddikjara li rcieva minghand l-attur is-somma ta' €477, prezz ta' zewgt ic-cwievet tal-vettura Kia Sportage. Dan ikompli jikkorobora l-versjoni tal-attur.

Illi peress illi din ix-xiehda mhijiex kontestata, it-Tribunal jehodha bhala veritjera u ghalhekk it-talba tal-attur timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra l-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*